

Azzjoni mressqa fl-10 ta' Lulju 2020 mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA kontra r-Renju tan-Norveġja**(II-Każ E-9/20)**

(2020/C 275/03)

Azzjoni kontra r-Renju tan-Norveġja tressqet quddiem il-Qorti tal-EFTA fl-10 ta' Lulju 2020 mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, irrappreżentata minn Stewart Watson, Claire Simpson, Erlend M. Leonhardsen, Catherine Howdle u Carsten Zatschler, li jaġixxu bħala Aġenti tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, 35 Rue Belliard, B-1040 Brussell.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA titlob lill-Qorti tal-EFTA biex:

1. Tiddikjara li, billi żamm fis-seħħ dispożizzjonijiet bħall-Artikoli 6-11 (1) u 6-36(2) tal-Att dwar il-Kumpaniji Pubbliċi b'Responsabbiltà Limitata, l-Artikoli 6-11(1) tal-Att dwar il-Kumpaniji Privati b'Responsabbiltà Limitata u l-Artikoli 7-5 u 8-4 (5) tal-Att dwar l-Impriżi Finanzjarji, ir-Renju tan-Norveġja naqas milli jissodisfa l-obbligi tiegħu skont l-Artikoli 31 u 28 tal-Ftehim ŻEE, l-Artikolu 1(1) tal-Att imsemmi fil-punt 2 tal-Anness V tal-Ftehim ŻEE (ir-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni) u l-Artikolu 2 tal-Att imsemmi fil-punt 8 tal-Anness XXII tal-Ftehim ŻEE (il-Ħdax-il Direttiva tal-Kunsill 89/666/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-ħtiġiet tal-iżvelar rigward il-friegħi miftuħa fi Stat Membru minn ċerti tipi ta' kumpaniji rregolati bil-liġijiet ta' Stat ieħor).
2. Tordna lir-Renju tan-Norveġja jħallas l-ispejjeż tal-proċedimenti.

L-isfond legali u fattwali u l-motivi miġjuba bħala sostenn:

- Dan ir-rikors jikkonċerna diversi rekwiżiti (ta' nazzjonalità u/jew ta') residenza stabbiliti fil-liġi dwar il-kumpaniji Norveġiżi fir-rigward ta' persuni li jokkupaw ċerti rwoli manijerjali f'kumpaniji rreġistrati u inkorporati fin-Norveġja. Id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi kkonċernati b'mod varjabbli jeħtieġu proporzjon mill-fundaturi ta' kumpaniji, manijers, membri tal-bord u membri tal-assemblea korporattiva (uffiċjali korporattivi) sabiex ikunu residenti fin-Norveġja. Fl-istess ħin, dawn id-dispożizzjonijiet jistipulaw li r-rekwiżiti msemmija ta' residenza ma japplikawx għal ċittadini ta' Stati taż-ŻEE, iżda sakemm biss huma jkunu residenti f'tali Stat.
- Id-dispożizzjonijiet għalhekk jirrestrinġu l-abbiltà ta' kumpaniji stabbiliti legalment fi Stat taż-ŻEE ieħor li jwaqqfu u jwettqu negozju fin-Norveġja sal-punt li jkollhom uffiċjali korporattivi li jew ma jkunux ċittadini taż-ŻEE jew ċittadini taż-ŻEE li ma jkunux residenti fiż-ŻEE. Dawn jillimitaw ukoll l-abbiltà ta' ċittadini taż-ŻEE li mhumex residenti fiż-ŻEE biex jaġixxu bħala uffiċjali korporattivi ta' kumpaniji Norveġiżi.
- L-awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ("l-Awtorità") tissottometti li d-dispożizzjonijiet imsemmija jammontaw, primarjament, għal restrizzjoni mhux ġustifikata tal-libertà tal-istabbiliment fin-Norveġja ta' kumpaniji li ġew iffurmati f'konformità mal-liġi ta' Stat taż-ŻEE u li għandhom is-sede tagħhom fiż-ŻEE u, konsegwentement, jiksru l-Artikolu 31 taż-ŻEE. Barra minn hekk, dawn ir-rekwiżiti huma inkompatibbli mad-Direttiva 89/666. Fl-aħħar nett, mill-perspettiva tal-individwi li huma fil-mira ta' dawn id-dispożizzjonijiet, dawn jiksru wkoll l-Artikolu 28 taż-ŻEE u r-Regolament 492/2011.
- Il-każ infetaħ fl-2014 fuq l-inizjattiva tal-Awtorità. Matul il-kuntatti tiegħu mal-Gvern Norveġiż fis-snin li għaddew, fuq il-bażi, *inter alia*, ta' ittra ta' intimazzjoni tal-4 ta' Novembru 2015 u ta' opinjoni motivata tat-12 ta' Ottubru 2016, il-Gvern Norveġiż spjega li r-rekwiżiti ta' residenza kienu mfassla biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà għall-ġestjoni tal-kumpaniji u biex l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jeżerċitaw ġuriżdizzjoni fuq dawn il-kumpaniji.
- Il-Gvern Norveġiż ikkunsidra li r-rekwiżiti huma meħtieġa, adattati u xierqa għal dan il-għan.
- L-Awtorità ma taqbilx ma' din il-pożizzjoni, b'mod partikolari fid-dawl ta' għadd ta' deċiżjonijiet kemm tal-Qorti tal-EFTA kif ukoll tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, li fihom ġie deċiż li rekwiżiti simili jiksru l-Artikolu 31 taż-ŻEE u l-Artikolu 49 tat-TFUE rispettivament.
- Jenħtieġ li jiġi nnutat li l-Gvern Norveġiż fassal proposti mmirati biex jillaxkaw dawn ir-rekwiżiti. Il-fażi ta' konsultazzjoni pubblika tal-proċess leġiżlattiv ġiet konkluża fis-16 ta' Jannar 2020. Dawn il-proposti kienu għadhom ma ġewx adottati fil-ħin tal-preżentazzjoni ta' dan ir-rikors.